MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 334/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandra Zammit)**
**Vs**
**Francis Sammut**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identitia` numru 929449 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Frar, 2012, għall-ħabta tas-13.55 hrs ġewwa Triq it-Tartarni, Rabat :

1. Saq vettura bin-numru TIZ-683, b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) u bla kont;
2. u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru SYL-624 w involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Sylvana Scerri;

3. u aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Timothy Scerri skond kif iccertifika Dr. Colin Mizzi M.D. Reg. 5304 mill-M.D.H.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9, u l-artikoli 15 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant Francis Sammut hati ta' l-akkuza 1(c) u tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza u kkundannatu multa ta' hamsa w sebghin Ewro (€75) komplessivament, filwaqt li ma sabitux ħati tal-akkużi 1(b) u (ċ) u lliberatu minnhom.

3. Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fis-26 ta' Ġunju 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati ta' l-akkuzi 1(a) u 1(b) dedotti kontra tiegħu, u fit-tieni lok, kwantu għall-akkuża 1 (c) u t-tieni u t-tielet akkuża, tħassarha u tirrevokaha u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

4. Fliet l-atti kollha proċesswali.

5. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

.
Illi mid-dinamika ta' l-inċident jirriżulta ċar illi l-fatti kif seħħew huma dawk kif mistqarra mill-imputat u mhux mill-parti l-oħra Sylvana Scerri.

7. Illi fl-ewwel lok, l-imsemmija Sylvana Scerri ma tat l-ebda spjegazzjoni plawsibbli għaliex hija, skont l-iskizz imhejji mill-Pulizija, spiċċat bil-vettura tagħha nettament kontra d-direzzjoni tat-traffiku. F'dan il-kuntest, anke l-pożizzjoni ta' kif spiċċaw il-vetturi, kif jidher kemm mill-

iskizz kif ukoll mir-ritratti esebiti juri ċar illi kienet l-istess Sylvana Scerri li kienet għaddejja fil-karreġġjata żbaljata tat-triq, bil-konsegwenza li laqtet lill-esponent, li sa dak il-ħin kien ġej fid-direzzjoni opposta fil-karreġġjata appożita, iżda li malli raha ġejja fuqu, ġibed lejn il-lemin, bil-konsegwenza li din ħabtet fuq ix-xewka tax-xellug ta' quddiem tiegħu u baqgħet tiġbidlu l-ġenb bil-karozza tagħha, hekk kif tixhed it-tip ta' ħsara li hemm fuq iż-żewġ vetturi.

8. Illi fuq kollox iżda ix-xufier okulari Raymond Barbara, li kien qed isuq u kien direttament fuq il-post ta' l-incident, xehed kif kienet il-vettura ta' l-istess Sylvana Scerri li kienet qegħda fin-naħa l-ħażina tat-triq, bil-konsegwenza li daħlet fl-esponent.

9. Illi jekk wieħed ihares lejn dak li stqarret l-imsemmija Sylvana Scerri mal-Pulizija, u hawn qed tinsilet parti mill-affidavit ta' PS 163 R. Azzopardi, din qalet li:

"kienet qed issuq fil-lane tagħha fid-direzzjoni ta' Had-Dingli u ħin minnhom il-vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta daħlet fil-lane tagħha u ħabtet ġo fiha".

10. Illi hawn iżda wieħed jerga' jsaqsi: propju il-ghaliex il-vettura ta' l-istess Scerri spiċċat fil-karreġġjata li minnha kien gej l-esponent? Il-loġika titlob illi jekk kien l-esponent li daħal ġol-karreġġjata tagħha u ħabat ġo fiha, hi kienet b'xi mod tibqa' fll-karreġġjata tagħha, anke jekk mhux b'mod dritt skont id-direzzjoni normali tat-traffiku. Iżda, ghall-kuntrarju, il-vettura tal-istess Scerri instabet fejn instabet mingħajr, jiġi mtenni, ma ngħata l-ebda spjegazzjoni vera u proprja għal dan il-fatt.

11. Illi deher car ukoll illi l-ewwel Qorti ddeċidiet bil-mod kif iddeċidiet għaliex qalet li qieset aktar kredibbli x-xiehda ta' l-istess Sylvana Scerri. U hawn bir-rispett kollu l-esponent jissottometti illi kien hemm allura apprezzament ħażin tal-fatti da parti tal-ewwel Qorti — għaliex din il-kawża kellha tiġi deċiża mhux biss skont il-kredbilita' ta' xhud, iżda wkoll biċ-ċirkostanzi l-oħra, inkluż dawn hawn fuq imsemmija.

12. Illi fuq kollox, it-triq li fiha seħħet il-ħabta hija 'Triq Hal-Tartarni', u mhux 'Triq it-Tartarni', kif indikat fl-akkuża. Tant hu hekk illi fl-affidavit tagħhom il-Pulizija sussegwentement rreferew ghal din it-triq bhala Triq Hal-Tartarni, u mhux bil-mod kif imsemmi fl-akkuża. Dan kollu joħloq ukoll konfużjoni fil-fatti li setgħu taw lok għall-allegat reat, u għamlu l-post tar-reat wieħed neboluż ghall-aħħar.

13. Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Ikkunsidrat

14. Li a fol 2, verbal tal-14 ta' Ġunju 2012, l-appellant (dak iż-żmien imputat) bħal preġudizzju għal dik li hija ħtija, ma kienx qed jikkontesta l-ġrieħi sofferti minn Timothy Scerri.

**Osservazzjonijiet Preliminari**

15. Qabel tgħaddi għall-aggravju tal-appellant, il-Qorti ser tagħmel żewġ osservazzjonijiet. L-ewwel wħada hija dwar l-isem tat-Triq. Fiċ-ċitazzjoni din hija ndikata bħal Triq it-Tartani. L-appellant jgħid li din hija 'Triq Ħal-Tartani'. Fil-fehma tal-Qorti l-isem tat-Triq kif mogħti fiċ-ċitazzjoni, għalkemm forsi mhux kelma, b'kelma, eżatt ma joħloq ebda konfużjoni ma' xi isem ta' triq oħra. Il-post fejn seħħ l-inċident huwa ċar.

16. It-tieni osservazzjoni hija dwar li waqt li fis-sentenza miktuba fuq iċ-ċitazzjoni jidhru l-kliem 'issib lill-imputat ħati ta' l(ċ), 2 u 3 u liberat minn 1b u c' fil-verżjoni dattiloskritta nsibu lp-kliem 'ħati tal-akkuża 1(ċ) u tat-tieni u tat-tielet akkuża filwaqt li ma ssibux ħati tal-akkużi 1(b) u (ċ). Jidher li l-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni 1(ċ) kif ukoll li mhux ħati tal-istess imputazzjoni. Teknikament dan iġib in-nullita' tas-sentenza minħabba li ma jistax ikollok tali kontradizzoni. Għalhekk il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla.

17. Wara din id-dikjarazzjoni l-Qorti, ġaladarba semgħet il-provi u rreġistrathom, qed tgħaddi biex tagħti s-sentenza.

**L-Aggravju tal-Appellant dwar l-apprezzament tal-fatti.**

18. L-aggravju uniku tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tiddisturbax deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati jekk dik il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha legalment u raġjonevolment.

19. Il-Qorti rat id-dokumenti kollha inklużi r-ritratti ppreżentati - tnejn kienu esibiti minn Sylvana Scerri u erba' kienu esibiti mill-appellant. (Ara verbal tal-14 ta' Ġunju, 2012 a fol 2). Rat ukoll l-iskizz (a fol 13).

20. Rat ukoll l-affidavit ta' PS 163 R.Azzopardi a fol 11.

21. Mix-xhieda li ddeponew quddiemha rriżulta dan li ġej.

22. Xehed Raymond Barbara li qal ' kont dieħel u qed indur il-kisriet u nara lil dawn jaħbtu.' (fol 29). Iżda hu ma kienx ra min daħal fuq min. Huwa u jikser il-kantuniera rahom ser jaħbtu. Ix-xhud qal li huwa kien tiela' mir-Rabat lejn il-knisja ta' San Duminku u kiser ħdejn 'Antoine' li jbigħ il-karozzi. X'ġara ezatt ma kienx jaf għaliex rahom jaħbtu biss. Huwa rahom deħlin f'xulxin biss u ma rax il-karozzi jsuqu iżda rahom maħbutin biss. (fol 31).

23. Fil-kontro-eżami x-xhud tfakkar x'kien qal lill-Pulizija. Huwa kien qal li ra Toyota fil-lejn oppost minkejja li kienet sejra fid-direzzjoni tiegħu. (fol 34). U kkonferma dan meta kien mistoqsi lejn l-aħħar tal-kontro-eżami

24. Silvana Scerri xehdet li hija kienet qed issuq 'on the left hand side'. Hija ma ratx karozzi. Kif kienet qed issuq rat karozza ma' wiċċha mingħajr ma kienet taf minn fejn kienet ġiet. Mill-faċċata ma kienx hemm karozzi. Kieku ma kenitx ser tidħol ġo fih. Lilha infetħulha l-airbags f'daqqa f'wiċċha mill-ewwel. Ix-xhud reġgħet tenniet li ma kenitx taf kif saret il-ħabta. (fol 36). Il-karozza l-oħra

spiċċat total loss. Hija ħareġt mill-karozza biex tagħti l-ewwel għajnuna minħabba li l-professjoni tagħha hija ta' nurse.

25. Xehed ukoll l-appellant li qal l-karozza Toyota kienet qed tagħmel 'overtaking' fil-kantuniera. Lilu sabitu faċċat u l-appellant ipprova jagħmel manuvra biex jevitaha iżda ma kellux ċans u bid-daqqa li qala' sab ruħu mitfugħ 'il bogħod sew. Bid-daqqa li qala' kien twaddab fil-lane il-ħażin għax ix-xhud qal li hu kien qed isqu fuq sajdu. Ix-xhud Barbaara ma kienx ra l-karozza l-oħra għaleix x'ħin ġew xufier ma' xufier, ix-xhud Barbara rah quddiemu u kien dak il-ħin li ħabtet ġo fih. B'hekk waddbitu tletin pied l-oppost li kien ġej min-naħa l-oħra. Lill-karozza tiegħu kienet dawritha. Hija baqgħet ġejja 'l quddiem , lilu teggħetu lura u waslet miegħu minħabba l-ispeed qawwi li kienet għaddejja bih. Huwa ma kienx qed isuq fuq il-lane tagħha iżda kein qed isuq fuq is-side tiegħu. Li-surġent kien talbu jara l-ispot of impact fejn ħadu d-daqqa.

Ikkonsidrat

26. Il-Qorti nnutat li meta xehdet Silvana Scerri, din ma ftakritx kif seħħet il-ħabta. Taf biss li nfetħu l-airbags. Ma għarfitx tagħti mqar dettall wieħed li kien jitfa' dawl fuq l-inċident.

27. Ix-xhieda ta' Raymond Barbara ma tantx ikkontribwiet dettalji tanġibbli li jistgħu jgħinu biex wieħed jifhem kif seħħ l-inċident. Dak li qal lill-PS 163 R Azzopardi huwa aktar ċar.

28. Għalhekk jibqa' biss ix-xhieda tal-appellant. Il-Qorti tqis li l-aktar li tista' toqgħod huwa fuq dak li qal l-appellant. Ix-xhieda tiegħu taqbel ferm ma' dak li kien qal l-appellant lill-PS 163 R Azzopardi (fol 11) fejn kien qal hekk:

'Francis Sammut stqarr li hu kien qed isuq mid-direzzjoni ta' Ħad-Dingli lejn Misraħ San Duminku. Ħin minnhom ra l-vettura l-oħra ġejja fi-direzzjoni opposta taqbeż vettura oħra u tidħol fil-lane tiegħu u għalhekk huwa ġibed lejn il-

lemin tiegħu biex jipprova jevita l-vettura l-oħra li xorta daħlet ġo fih.'

29. Taqbel ukoll mal-verżjoni li kien ta Raymond Barbara lill-PS 163 R Azzopardi meta stqarr

'li hu kien qed isuq mid-direzzjoni ta' San Duminku lejn Ħad-Dingli u ħin minnhom ra Toyota Vitz (bin-numru SYL 624) **ġol-lane opposta pero' sejra wkoll fid-direzzjoni ta' Ħad-Dingli** u ħabtet mal-vettura l-oħra li kienet sejra lejn San Duminku.'

30. Fl-aħħarnett Sylvana Scerri ma tatx spjegazzjoni għala jew kif seħħ l-inċident.

31. Il-Qorti hija tal-fehma li Sylvana Scerri ma kenitx qed issuq fil-karreġġjata tagħha u għalhekk l-appellant, li ipprova jeħles mill-ħabta billi jdur fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, u kif juru l-istess brake marks li l-appellant qal li kienu tiegħu, ma kienx responsabbli għal dak li ġara. Huwa ma kienx negliġenti u ma kienx responsabbli għall-ħsarat fil-karozza u għall-ġrieħi li sofra Timothy Scerri.

**Konklużjoni**

**32. Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2012 fl-ismijiet premessi u qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------